MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta tat-3 ta' Ottubru, 2006

Numru 54/2005

**Il-Pulizija**
**(Spettur Raymond D'Anastas)**

**vs**

**MARIO ANGELO ERNEST VINCENT ZAMMIT**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjoni li permezz taghha Mario Angelo Ernest Vincent Zammit ta' 34 sena bin Carmelo Joseph Nazzarene Vincent Gregory Dominic u Angela nata Agius imwieled Portsmouth l-Ingilterra nhar it-8 t'Awwissu 1970 u residenti 'Hampshire' Dahla Tas-Sienja Had-Dingli detentur ta' ID card numru 60292M gie akkuzat:

Talli fl-14 ta' Settembru 2002 ghall-habta tal-Ghaxra w kwart ta' filghodu (10.15 hrs) f'Haz-Zebbug, b'nuqqas ta'

hsieb, bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghu, jew b'nuqqas ta' tharis ta' regolamenti ikkaguna il-mewt ta' Angelo Borg ta' 81 sena minn Birkirkara u dan meta kien isuq vettura numru DBG 491 tal-marka FIAT u tajjar lill-imsemmi Angelo Borg.

Il-Qorti giet gentilment mitluba illi f'kaz ta' htija, tiskwalifika lill-imsemmi Mario Angelo Ernest Vincent Zammit milli jkollu jew jottjeni xi licenzja tas-sewqan ghall-zmien li l-Qorti jidrilha xieraq.

Semghet provi.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat ir-Rinviju a Gudizzju mibghut mill-Avukat Generali u datat 14 ta' April, 2005 (ara fol. 30 tal-Process) u nnutat li l-imputat Mario Angelo Ernest Vincent Zammit iddikjara li m'ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz bi procedura sommarja (ara fol. 31 u fol. 32 tal-Process).

Semghet trattazzjoni mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiza.

Fl-ewwel lok tirrileva li dan il-kaz jirrigwarda incident stradali li fih miet Angelo Borg ta' 81 sena wara li kien ittajjar minn vettura numru DBG 491 tal-marka FIAT misjuqa mill-imputat Mario Angelo Ernest Vincent Zammit fl-14 ta' Settembru, 2002 f'Haz-Zebbug u dan ghal habta tal-10.15 am.

Taghmel referenza ghad-deposizzjoni li taha l-imputat quddiem din il-Qorti fis-Seduta tal-21 ta' Lulju, 2005 fejn l-istess imputat qal:
"Ghadha kif inqratli t-traskrizzjoni tad-deposizzjoni li jien tajt fis-seduta ta' l-14 ta' Settembru, 2002 u li tinsab minn fol 46 sa fol 48 tal –process verbal li huwa esebit bhala Dok JM1 u precizament din is-seduta li giet mizmuma gewwa l-Ghassa tal-Pulizija ta' Qormi jien xhedt quddiem l-espert tal-Qorti Dr Stefano Filletti u liema deposizzjoni qeghda fir-relazzjoni ta' l-istess espert. Nixtieq nghid illi in kwantu ghal din ir-relazzjoni naghmel referenza ghal frazi li tinsab a fol 47 tal-process verbal li tghid li fejn hemm

miktub "dan beda jaqsam mis-central strip ghal karreggjata ta' gewwa" hawnhekk nixtieq nghid illi dak il-kliem li ghidt jien kont qieghed nassumi illi l-persuna kien qed jaqsam mis-central strip ghax fil-fatt nghid jien din il-persuna fuq is-central strip ma kontx rajtha. Ovvjament jien nikkonferma l-kontenut ta' din it-traskrizzjoni li nqratli. Nghid illi l-vittma ma kienx qasam min-naha tax-xellug tieghi. Nghid illi jien kelli karozza ohra terga' mieghi u minhabba din il-karozza jien ma stajtx nara l-vittma jekk hux kien qieghed jaqsam is-central strip jew le. Jien il-vettura l-ohra kienet qeghda mtarrga fuq in-naha tal-lemin tieghi. Jien il-vittma l-ewwel darba li rajtu f'dan l-incident kien hiereg minn quddiem din il-karozza illi kien hemm quddiemi. Dan kien hiereg minn quddiem din il-karozza li hemm, u jien rajtu hiereg min-naha tax-xellug ta' dik il-karozza. Fi kliem iehor nista' nghid illi dan sgicca l-karozza li kien hemm quddiemi u spiccajt biex ilqattu jien. Nghid illi l-vittma qabel ma hareg minn quddiem din il-vettura ma kontx rajtu. Nghid illi jien fuq in-naha tal-lemin tieghi minn din il-karozza ma stajtx nara. Nghid illi l-karozza li kien hemm quddiemi kienet miexja. Kienet fil-fatt fil-process illi kienet ghadha kif qalghetni. Nghid illi kif harigli jien il-vittma u kont rajtu nghid illi jien il-karozza ta' quddiemi vis a vis il-karozza tieghi kienet qeghda illi l-bonnet tieghi kien qisu man-naha ta' wara tal-vettura li kien hemm quddiemi. Nimmagina li kif kont qieghed f'din il-posizzjoni kienet il-hin illi jien rajt lill-vittma. Nghid illi t-triq ghalkemm kienet triq bit-tarmac kien tarmac illi kien imkisser u nghid illi tant hu hekk illi jien meta ghafast il-breaks jien hassejt illi r-roti rrokkaw u l-karozza hassejtha titkaxkar. Nghid illi presso poco u pero' dan qieghed inkun approssimattiv bhala speed jien kont ghaddej qisu b'xi hamsi kilometru fis-siegha (50km). Nghid illi jiena ghal certament zgur anke ghat-tnax-il (12) siegha qabel l-incident jien ma kont xrobt l-ebda alcohol. Nghid illi jien technician fuq office equipment u naghmel hafna hin insuq. Dakinhar kien is-Sibt u ghalhekk jien kont off."

In kontro-ezami, fl-istess Seduta, l-imputat qal:
"Nixtieq nghid illi ghalkemm it-tarmac jien iddefinejtu bhala imkisser nghid illi l-art ma kenitx imharbta. Ma kienx hemm trinek jew road works. Qed nigi mistoqsi mill-

Ufficjal Prosekutur stante li jien semmejt illi kont ghaddej b'xi hamsin kilometru (50km) fis-siegha u stante li rrizulta li kien hemm 'il fuq minn dsatax-il (19) metru break marks kif jien allura nispjega li jien fil-fatt kont qieghed ghaddej bil-hamsin kilometru (50km) fis-siegha nghid illi jista' jkun illi l-ispeed kien iktar minn hamsin kilometru fis-siegha (50km). Fil-fatt dak li tajt illum bhala estimi. Jien nikkonferma li jien il-vittma l-ewwel li rajtu meta kien qieghed fuq ix-xellug tan-naha tal-karozza ta' quddiemi u nghid illi dan kien qieghed f'nofs it-triq. Qed nigi mistoqsi allura mill-Ufficjal Prosekutur kif jien allura ma rajtx lil din il-persuna nghid illi dan ghaliex kien mohbi mill-karozza li kien hemm quddiemi. Nghid illi l-karozza ta' quddiemi kienet karozza normali u ma kenitx xi vann jew trakk. Nghid illi fuq domanda li qed issirli mill-Ufficjal Prosekutur allura din kienet karozza ta' size normali u dan il-persuna l-vittma kien bil-wieqfa u kien miexi, allura dan kien ghola mill-karozza u jien kif ma rajtx il-vittma nghid illi l-vittma kien bniedem qasir. Li nixtieq nghid jien huwa li din il-vittma kien ghadda minn quddiem il-karozza ta' quddiemi u jien ma rajtux jghaddi minn quddiem, l-ewwel li rajtu kien meta wasal fuq ix-xellug tal-karozza ta' quddiemi. Dan kien baqa' ma waqafx u hares anzi nghid li baqa' sejjer u ghalhekk spiccajt li lqattu jien. Qed nigi mistoqsi jekk jien ghafastx il-break fil-mument illi jien indunajt l-ewwel darba bil-vittma u cioe' meta kien qieghed fuq in-naha tax-xellug tal-karozza ta' quddiemi jew inkella jien il-break ghafastux meta l-vittma kien diga' allontana ruhu mill-karozza ta' quddiemi nghid illi dwar dan ma niftakarx meta ezatt ghafast il-break. Qed nigi mistoqsi mill-Ufficjal Prosekutur jekk jien fil-fatt ghafast il-break meta lill-vittma kont ilqattha, nghid illi le. Jien li niftakar car jien kont ghadni qieghed nibbrejkja meta lqattu. Nghid illi jien li naf bic-cert illi mill-hin li jien rajt il-vittma fuq in-naha tax-xellug tal-karozza ta' quddiemi sal-hin li jien ilqattu ma kienx hemm tul iktar minn tul ta' karozza allura qed nigi mistoqsi kif allura nispjega il-fatt li kien hemm iktar minn tmintax-il metru (18) breaks dwar dan nghid illi jien komplejt nibbrejkja wara li kont ilqatt lill-vittma. Nghid illi fuq in-naha tat-triq li ghal-liema direzzjoni l-vittma kien qieghed jaqsam nghid illi karozzi pparkjati kien hemm u nghid illi ghaldaqstant hin minnhom ahna f'din it-triq konna qeghdin

tlett karozzi hdejn xulxin. Qed jigi suggerit lili mill-Ufficjal Prosekutur li f'dik il-lane ma joqghodux tlett karozzi hdejn xulxin u ghal dan nirrispondi li f'dik il-lane joqghodu tlett karozzi hdejn xulxin. Nghid illi fiz-zona li kien hemm il-karozzi pparkjati dak iz-zmien ma kienx hemm bankina, li kien hemm xi ftit ta' tumbata bil-haxix hazin fuqha u nghid illi l-karozzi li kien hemm ipparkjati kellhom rota minnhom li kienet qeghda fuq din it-tumbata u ghalhekk insostni illi kienu joqghodu tlett karozzi fl-istess lane. Jien cert illi fuq naha wahda tat-triq kien hemm il-karozza tal-vittma pparkjata u warajh kien hemm vann Isuzu b'zewg persuni li wara gew jassistuni. Nghid illi fil-hin li jien kont qed insuq dak ta' quddiemi kien qieghed biex jaqlaghni u wasal biex jaqlaghni, jien cert illi kien hemm imbaghad karozza ipparkjata fuq din l-area li qed insemmi u cioe' fuq in-naha tat-triq li l-vittma kien sejjer jaqsam ghan-naha taghha. Nghid illi l-karozza li kien hemm quddiemi kienet baqghet sejra. Bid-daqqa l-vittma kien habat mal-windscreen, ghola u spicca wara l-vettura tieghi. F'dan ir-rigward naghmel referenza ghar-ritratt 02CFD109 li huwa formanti minn sett ta' ritratti li jinsabu a fol. 83 tal-process verbal esebit bhala Dok JM1. Fl-istess rigward naghmel ukoll referenza ghar-ritratt 02CFD104 li juri t-tebgha li hemm fl-art turi l-post fejn spicca waqa' ma l-art il-vittma, quddiem il-karozza bajda hemm il-karozza li kont qed insuq jien u fejn waqfet u hawnhekk ukoll fl-istess ritratt juri l-bidu tal-karozza kulur ahmar li kienet il-karozza tal-vittma u nghid illi l-karozza tal-vittma baqghet fl-istess post li kienet u f'dan ir-rigward naghmel ukoll referenza ghar-ritratt 02CFD106 li juri l-posizzjoni ta' fejn kienet il-karozza tal-vittma u cioe' l-karozza li ghandha registration number AAQ 524 u fejn kien hemm il-vettura waqfet tieghi u cioe' l-vettura registration number DBG 491. Dawn ir-ritratti li ghamilt referenza ghalihom huma kollha jinsabu a fol. 83 tal-process formanti parti minn sett ta' ritratti li qeghdin fil-process verbal esebiti bhala Dok JM1. Nghid illi fil-mument illi inqbad bejn ir-rota ta' quddiem tieghi imbaghad ghola u habat mal-windscreen tieghi u wara spicca biex ghola u gie wara l-karozza tieghi jien dak il-hin kont ghadni fil-karozza qieghed insuq fis-sens illi kont qieghed miexi bil-break. Naghmel referenza ghar-ritratt 02CFD106 li kif diga' ghidt huwa formanti parti minn sett

ta’ ritratti li jinsabu esebiti a fol. 83 tal-process verbal, liema process verbal huwa mmarkat bhala Dok JM1 u nghid illi l-karozza taz-zewg irgiel u precizament il-vann taz-zewg irgiel li kienet ipparkjata u li dawn gew jassistuni wara l-incident kienet qeghda wara l-karozza tal-vittma u cioe’ l-karozza li tidher f’dan ir-ritratt bhala AAQ 524 pero’ nghid illi jista’ jkun li bejn il-vann ta’ dawn l-irgiel u l-karozza tal-vittma kien hemm ukoll vettura ohra. Nixtieq nghid huwa li in kwantu ghal din il-karozza tal-vittma kif ukoll anke dan il-vann u karozza ohra li kien hemm ipparkjati, dawk il-karozzi ipparkjati lili ma kienux tellfuni mill-vizjoni min-naha tax-xelluq tat-triq. Li gara il-vann ta’ dawn l-irgiel u l-karozza tal-vittma kien hemm ukoll vettura ohra. Nixtieq nghid huwa li in kwantu ghal din il-karozza tal-vittma kif ukoll anke dan il-vann u karozza ohra li kien hemm ipparkjati, dawk il-karozzi ipparkjati lili ma kienux tellfuni mill-vizjoni min-naha tax-xellug tat-triq. Li gara pero’ peress li kien hawn dawn il-karozzi pparkjati allura l-wisa’ tat-triq kienet iktar ristretta u allura ukoll inzid nghid illi jien kelli wkoll kagun ta’ dawn il-karozzi pparkjati vizjoni iktar ristretta tat-triq min-naha tal-lemin tat-triq.”

Taghmel ukoll referenza ghall-Konstatazzjoni numru 9 tar-Relazzjoni tal-Perit Tekniku l-Perit Valerio Schembri, liema Relazzjoni tinsab minn fol.10 sa fol. 23 tal-Proces Verbal li hu esebit fl-atti ta’ din il-kawza bhala Dok JM1. L-imsemmija Konstatazzjoni tghid:
“Fuq Dettall XX tal-pjanta Dok A, qed jigu ndikati zewg brake marks u cioe’ wiehed CJ ta’ tul ta’ cirka tlettax il-metru u sittin centimetru (13.60m) u l-iehor DK ta’ tul ta’ cirka dsatax il-metru u sebghin centimetru (19.70m).”

Issir ukoll referenza ghall-brani mir-Relazzjoni tal-Perit Legali Dr. Stefano Filletti, liema Relazzjoni hi markata bhala dokument SF u li tinsab minn fol. 24 sa fol. 55 tal-Proces Verbal (Dok JM1). L-ewwel bran li sejra issir referenza ghalih (ara minn fol. 34 sa fol. 35 tal-Proces Verbal) jghid:
“viii) Jinghad illi Angelo Borg kien qed jaqsam mis-Central Strip ghan-naha ta’ gewwa tat-triq. Illi mas-central strip hemm diversi xtieli li jistghu jostakolaw il-vizwali ta’ x’hemm fuq is-central strip;

ix) Illi dik il-parti tat-triq kienet dritta u kien hemm vizwali car ghal diversi metri;
x) Jinghad illi l-kondizzjoni tat-triq ma kenitx wahda tajba. Di fatti t-tarmac kien kollu maqsum u t-triq ma kenitx lixxa;
xi) Illi l-vettura FIAT Punto halliet diversi brejk marks. Kien hemm madwar tlettax punt sitt metri (13.6m) brejk marks wara r-rota ta' wara tal-lemin, u dsatax punt seba' metri (19.7) brejk marks wara r-rota tax-xellug ta' wara."

It-tieni bran mill-istess Relazzjoni tal-Perit Legali (ara fol. 36 tal-Proces Verbal) jghid:
"In konkluzjoni hija l-fehma tal-esponent li fil-hin tal-incident, Mario Zammit, seta' kien qed isuq b'velocita' elevata izda mhux hafna. Illi l-istess Mario Zammit ma kellux vizwali tajba tat-triq u dan peress li kien hemm vettura fuq il-lemin tieghu li kienet qed taqalghu kif ukoll xtieli fis-Central Strip li setghu impedew il-vizwali tieghu ghal xi persuni li riedu jaqsmu.

Min-naha l-ohra jidher li Angelo Borg kellu vizwali tat-triq u kemm-il darba l-vetturi kienu daqshekk vicin tieghu ma kellux jaqsam it-triq. Inoltre jinghad li dik it-triq hija traffikuza hafna.

Dan kollu jimporta aktar responsabbilita' fuq Angelo Borg li jevita l-vetturi fit-triq."

Issir ukoll referenza ghal bran mill-Konkluzjonijiet raggunti mill-Espert Tekniku Joseph Zammit fir-Relazzjoni tieghu markata bhala Dok JZ liema Relazzjoni tinsab minn fol. 57 sa fol. 77 tal-Proces Verbal (Dok JM1) liema bran (ara minn fol. 65 sa fol. 66 tal-Proces Verbal) jghid:
"3) Illi fuq il-vettura nstabet hsara fil-parti ta' quddiem lejn in-naha tax-xellug hija hsara komparabbli ma' laqta ta' bniedem billi fejn kien jinsab mghattan u mkaxkar ma kien jinsab l-ebda brix fuq iz-zebgha u jinsabu provi li l-anzjan baqa' jitkaxkar man-naha tax-xellug tal-ghatu tal-magna sa fuqu taht il-windscreen fejn kienet instabet mkissra u fl-istess tkissir instabet xaghra li tindika li l-imbuttar u tkissir tal-windscreen ta' quddiem sehh b'ras l-istess anzjan imsemmi.

4) Illi mill-ezamijiet teknici li l-esponent ghamel fuq din il-vettura ma jirrizultax li dan l-incident seta sehh minhabba xi hsara li garbet din il-vettura qabel l-incident u mill-provi li l-esponent ghamel fuq din il-vettura ma nstab l-ebda difett fuq din il-vettura.
5) Illi hsarat kollha fuq din il-vettura huma kawza u rizultat ta' dan l-incident."

Jigi rilevat ukoll li l-konkluzjoni li wasslu ghaliha l-patologisti Doctor Safraz Ali u Doctor Brigette Ellul fir-Relazzjoni taghhom li tinsab fil-Proces Verbal (Dok JM1), immarkata bhala dokument NEKRO minn fol. 84 et seq hi:
"This elderly male, Angelo Borg, died as a result of bronchopneumonia and shock lung following a head injury and rib, pelvis and right femur fractures sustained in a road accident in which he was a pedestrian."

F'dan l-istadju l-Qorti sejra ticcita bran minn Sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet: "Il-Pulizija vs Alfred Mifsud" deciza fis-6 ta' Mejju, 1997 (Vol. LXXXI.iv.157), fejn dik il-Qorti, inter alia, irriteniet illi:
"Sewqan traskurat (negligent driving) hu kwalsiasi forma ta' sewqan li jiddipartixxi minn, jew li ma jilhaqx il-livell ta' sewqan mistenni minn sewwieq ragonevoli, prudenti, kompetenti u ta' esperjenza. Bhala regola, il-ksur tar-regolamenti tat-traffiku kif ukoll in-non-osservanza tad-disposizzjonijiet tal-Highway Code li jincidu fuq il-mod jew il-kwalita' ta' sewqan ta' dak li jkun, jammonta wkoll ghal sewqan traskurat."

Hawn il-Qorti sejra ticcita bran mis-Sentenza moghtija mill-Qorti Civili Prim' Awla fis-26 ta' Novembru, 1987 per Onor. Imhallef Joseph A. Filletti fil-kawza fl-ismijiet: "Dottor Remigio Zammit Pace noe versus Thomas Catania et" fejn dik il-Qorti qalet:
"Intqal kemm-il darba li sewwieq li jkollu traffiku quddiemu mhux biss ghandu jzomm "a proper look out" imma wkoll kontroll shih fuq il-vettura tieghu. A parti minn "speed", kull xufier ghandu joqghod attent li jzomm distanza ragjonevoli mit-traffiku ta' quddiemu b'mod li f'kaz ta' waqfien f'daqqa u imprevist – kif gara f'dana l-kaz – tali

xufier ikun fi grad li jiffrena l-vettura tieghu tempestivament."

Hawn il-Qorti sejra ticcita minn parti mid-deposizzjoni tal-imputat (Seduta tal-21 ta' Lulju, 2005) liema deposizzjoni diga' giet riportata aktar qabel f'din is-Sentenza u cioe':
"Nghid illi jien kelli karozza ohra terga' mieghi u minhabba din il-karozza jien ma stajtx nara l-vittma jekk hux kien qieghed jaqsam is-central strip jew le. Jien il-vettura l-ohra kienet qeghda mtarrga fuq in-naha tal-lemin tieghi."
"…………………………………………………………………………………"
"Nghid illi l-karozza li kien hemm quddiemi kienet miexja. Kienet fil-fatt fil-process illi kienet ghadha kif qalghetni. Nghid illi kif harigli jien il-vittma u kont rajtu nghid illi jien il-karozza ta' quddiemi vis a vis il-karozza tieghi kienet qeghda illi l-bonnet tieghi kien qisu man-naha ta' wara tal-vettura li kien hemm quddiemi. Nimmagina li kif kont qieghed f'din il-posizzjoni kienet il-hin illi jien rajt lill-vittma. (Sottolinjar tal-Qorti).

In kontro-ezam l-imputat fl-istess Seduta (21 ta' Lulju, 2005), inter alia, qal:
"Qed nigi mistoqsi mill-Ufficjal Prosekutur stante li jien semmejt illi kont ghaddej b'xi hamsin kilometru (50km) fis-siegha u stante li rrizulta li kien hemm 'il fuq minn dsatax-il (19) metru break marks kif jien allura nispjega li jien fil-fatt kont qieghed ghaddej bil-hamsin kilometru (50km) fis-siegha nghid illi jista' jkun illi l-ispeed kien iktar minn hamsin kilometru fis-siegha (50km). Fil-fatt dak li tajt illum bhala estimi." (Sottolinjar tal-Qorti).

Il-Qorti hi tal-fehma li minn ezami tal-provi prodotti, tenut kont is-suespost, jemergi li l-imputat agixxa b'mod traskurat fis-sewqan tieghu. Huwa naqas li jzomm il-*proper lookout* minnu rikjest f'cirkustanzi fejn kien ghaddej bi *speed* elevat, b'vizjoni fit-triq ma tantx tajba u fi triq li l-kundizzjoni taghha hi deskritta mill-Perit Legali fir-Relazzjoni tieghu aktar qabel citata f'din is-Sentenza bhala:

"11. ………… illi t-triq kellha t-tarmac maqsum u ma hix lixxa. Hemm ukoll diversi hotob fit-triq. Dan setgha wassal ghall-inqas traction mar-roti tal-vetturi mat-triq."

Il-Qorti hi ukoll tal-fehma li mill-provi jirrizulta li l-vittma Angelo Borg ikkontribwixxa b'mod sinifikanti ghall-mewt tieghu bil-mod kifipprova jaqsam it-triq. Dan, pero' xorta ma jezonerax lill-imputat mir-responsabbilita' tieghu ghall-incident peress illi, kif gie ritenut fil-gurisprudenza nostrana, in-negligenza kontributorja ma tezonerax lis-sewwieq jekk ma tkunx il-kawza unika tas-sinistru. (F'dan ir-rigward ara Sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali per Onor. Imhallef David Scicluna, deciza fis-26 ta' Mejju, 2004 fl-ismijiet: "Il-Pulizija vs Roderick Debattista").

Rat l-artikolu 225 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ghaldaqstant il-Qorti ssib lill-imputat Mario Angelo Ernest Vincent Zammit hati tal-akkuza migjuba kontra tieghu u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluzi il-fedina penali tal-imputat u l-element tal-kontributorjeta' da parti tal-vittma fis-sinistru tikkundanna lill-imputat Mario Angelo Ernest Vincent Zammit ghall-piena ta' Tlett elef Liri Maltin (Lm3000) multa.

Inoltre l-Qorti, bl-applikazzjoni tal-artikolu 30(1)(b) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tiskwalifika lill-imputat Mario Angelo Ernest Vincent Zammit milli jkollu jew milli jikseb licenzji tas-sewqan ghal zmien tmintax (18) il-xahar millum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------